MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru 810/2012

Spettur Gabriel Micallef

vs

Albert Attard

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 16882G akkuzat talli nhar it-18 ta' Marzu 2012 ghal habta tat-13.20 pm fil-limiti tal-Mellieha, ic-Cirkewwa :

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emma Hickey;
2. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBP 143 tal-ghamla Land Rover b'mod traskurat, perikoluz u bla kont;
3. ghatta jew halla lilmin jghatti ghall-ghajnejn in-nies, biddel jew halla lil min ibiddel in-numru moghti mill-awtorita' li jkun imwahhal bil-pjanci fuq il-vettura;

Il-Qorti mitluba illi f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidrilha xieraq;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazjoni

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet inhargu in segwitu ta'incident li sehh ic-Cirkewwa, fejn l-imputat, isuq Land Rover numru ta' registrazzjoni DBP 143, jigbed karru warajh, li kien appena sbarka mill-vapur t' Ghawdex, ha l-uscita tal-lemin kontra dik li kienu qed juzaw il-vetturi l-ohra li sbarkaw mieghu. Hu u jimanovra biex johrog il-barra mill-port inavvertitament laqat lil certa Emma Hickey f'sieqa l-leminija bil-konsegwenza li din waqghet mal-art u sofriet griehi f'wicca klasifikabbli bhala gravi "per natura" {fol.13}. L-ebda offiza gravi permanenti ma rrizultat.

Intant, l-imputat jinsab akkuzat li ikkaguna ferita gravi involontarja, b'sewqan traskurat, perikoluz u bla kont, u minghajr visibilita' tan-numru tal-vettura, It-tieni imputazzjoni hi subordinata ghall-ewwel.

Trattata dik tal-ferita gravi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi hemm xhieda li tistqarr li l-imputat kien qieghed jitkellem fuq it-telefon cellular u sahansitra jixejjer lil adetti tas-socjeta "Gozo Channel" waqt li jimmanuvra il-vettura lejn il-hrug tat-"terminal". Indubjament, kien l-imputat wahdu responsabbli li jevita jaghmel kwalsijasi hsara konsegwenzali aktar u aktar meta kien qed isuq vettura b'karru maghha u entro il-visibilta' ta' nies u vetturi ohra li kienu qed jistennew li jimbarkaw il-vapur. Ergo, ghandu jassumi r-responsabilita' tal-hsara li ghamel, konsistenti fil-ferita gravi li soffriet il-parti leza, bensi' involontarja, irrispettivament jekk kienx gie dirett jiehu dik l-uscita partikolari. Ghall-finijiet tat-tieni imputazzjoni l-Qorti mhux qeghdha tqis tali sewqan "bla kont" fit-termini tal-Artikolu 15{3} tal-Kap 65.

Fir-rigward it-tielet akkuza  maghmula ghab-bazi tal-Artikolu 27 tal-Kap 65 il-Qorti mhux qeghedha ssibu hati stante li l-provi fir-rigward ma jinkwadrawx u ma jiddetifikawx fit-termini tal-artikolu citat.

Tiddikjara u ssib l-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u tilliberah mit-tielet. Qieset l-attenwanti generic. Rat l-Artikolu 226(1)(b) u 17(f) tal-Kap 9 u l-Artikolu 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65. Tikkundannah elf euro multa u tisskwalifikah milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tmien t' ijiem mill-lum.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------